MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2004

Numru 584/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**RODERICK CARUANA**

**Illum 13 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Roderick Caruana 25 sena bin John u Rose Marie nee` Caruana, mwieled Pieta` fit-30/04/1979, residenti 'Monaken', Triq A. Caligari, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita` 242779M gie akkuzat:

Talli f'Bormla fit-12 ta' Mejju 2004 ghal habta tas-6:00 p.m., minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Duncan Debono minn Bormla f'periklu car hebb ghal istess Duncan Debono u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma certifikat Dr. Ruth Attard M.D. c/o Casualty Department Sptar San Luqa bi ksur tal-art. 214 u 216(1)(a)(ii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra dan fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur tal-art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Duncan Debono u tal-familja tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi billi ddikjara li hu hati taht provokazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati taht provokazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alfred Mallia ddikjara li hu jikkonferma li fil-kaz in kwistjoni kien hemm element ta' provokazzjoni da parte tal-parte civile Duncan Debono fil-konfront ta' l-imputat u ghalhekk jaqbel mad-dikjarazzjoni ta' l-imputat ta' hati taht provokazzjoni.

Innutat ukoll li fil-Verbal ta' l-istess Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Tirrileva li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr. Joseph Brincat ghall-imputat iddikjara li l-ammissjoni ta’ l-imputat tirrigwarda dawn il-proceduri ta’ natura penali.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(ii) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Roderick Caruana, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta’ l-imputat, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alfred Mallia ddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li hu jikkonferma li fil-kaz in kwistjoni kien hemm element ta’ provokazzjoni da parte tal-parte civile Duncan Debono fil-konfront ta’ l-imputat u ghalhekk jaqbel mad-dikjarazzjoni ta’ l-imputat ta’ hati taht provokazzjoni u illi fil-Verbal ta’ l-istess Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Roderick Caruana b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Duncan Debono u l-familja tieghu ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Roderick Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------